**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Lulju, 2002

**Numru**

**Avviz numru 1262/02JR**

**Visual & Sound Communications Limited**

**vs**

**John Gatt f'ismu proprju kif ukoll ezercitanti l-kummerc taht l-isem Classics Video Rentals**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fis-17 ta' Mejju, 2002, fejn intalab il-hlas ta' elf u mitejn u ghoxrin lira Maltija (Lm1220.00), bilanc parti minn somma akbar rapprezentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta'**

**diversi oggetti mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta` attrici lill-konvenut, fuq inkarigu tieghu stess;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Adrianne Agius ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont bilancjali ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba kif ridotta tinsab soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut proprio et nomine ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u mitejn u ghoxrin lira Maltija (Lm1220.00), bl-imghax legali mit-28 ta' Mejju, 2002 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut propio et nomine skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**